MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 912/2008

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Kevin Borg (Id. 426180M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€232.35) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21470273, u minkejja li l-istess konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€232.35), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------